MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' April, 2003

Numru 749/1999

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONNICI
VS
JOSEPHINE VASSALLO
DIANE LIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Josephine Vassallo ta’ 35 sena bint Joseph Lia u Nancy nee Johnson, imwielda Pieta nhar l-4 ta’ Lulju 1964, u residenti fil-fond numru 23, Triq San Pietru u San Pawl, L-Isla u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 360164M u Diane Lia ta’ 26 sena mart Mohamed, bint Joseph Lia u Nancy nee Johnson, imwielda Pieta nhar it-8 ta’ Gunju 1973, residenti fil-fond numru 46, Flat numru 2, Triq San Gwann, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita numru 268473M talli nhar it-2 t’Ottubru 1999, ghal habta ta’ 5pm gewwa Tas-Sliema u cioe fl-inhawi ta’ Triq Camenzuli jew fil-vicinanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq vettura ta’ ghamla Alfa ta’ lewn abjad, bin-numru tar-registrazzjoni

AAV-205, liema vettura hija proprjeta ta’ Jesmond Tabone minn Tas-Sliema, u liema hsara li saret ghad-detriment tal-istess persuna, tammonta ghal iktar minn mitt lira maltin izda anqas minn hames mitt lira maltin.

Talli fl-istess, hin, jum, lok u cirkostanzi garrew arma u cioe katina tal-hadid fil-pubbliku.

Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi insulentaw lil Jesmond Tabone min Tas-Sliema bi kliem.

Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi hebbew ghal istess persuna sabiex jdejquh u jaghmlulu hsara.

Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi qalu kliem li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi qalu kliem baxx u oxxen fil-pubbliku.

Talli fl-istess hin, jum, lok u cirksotanzi, ghamlu storbju b’mod li kissru l-buon ordni u l-paci pubblika.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputati kienu marru l-ghassa ta’ Tas-Sliema jaghmlu rapport illi kienu gew mhedda u insulentati mill-ahwa Tabone.

Illi meta bdew jinvestiga il-pulizija inghataw versjoni kompletament diversa u cioe illi kienu l-ahwa Tabone li gew insulentati u mhedda waqt illi kienu f’darhom u li

Josephine Vassallo waqt l-argument kienet harget katina u  bdiet taghti b’din il-katina fuq il-karozza Alfa Bajda nru AAV 205 proprjeta ta’ Jesmond Tabone.

L-ahwa Tabone stqarrew illi huma kellhom argument mal-genituri tal-imputati gurnata qabel.

Illi l-hsarat fuq il-karozza ienu jamontaw ghal Lm151 (ara dok MB6 a fol  20A u 20B)

Jesmond Tabone fix-xhieda tieghu (fol 21-31) kkonferma ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u qal illi huwa kien qiehed jwahhal xi stickers fuq karozza biswit d-dar tieghu meta gew Vassallo u Lia u Vassallo bdiet targumenta,  qabdet toffendihom u huwa mar jferraq. Pero Josephine Vassallo harget katina mill-but u qabdet taghti biha fuq il-karozza tieghu b’risultat illi kisritlu l-windscreen, l-indicator u ghamlet hsara fuq il-luggage boot u fuq il-mudguard.

Kkonferma l-ircevuti tal-hsarat imwettqa (dok MB6 u 7).

Jesmond Tabone spjega illi l-katina illi kellha Josephine Vassallo f’idha kienet tal-pulzier jew pulzier u nofs, u li din il-katina kienet hargitha mil-but ta’ wara.

Jesmond Tabone xhed illi meta gara dan l-incident, l-imputati kellhom tifla maghhom li kienet qed zzommha Diane.

Jesmond xehed illi fl-incident kien hemm huh Brian Tabone izda dan gie imsakkar fil-garage minn missieru halli il-glieda ma taggravax ruhha.

Jose Abela u Brian Farrugia a fol 44 u 93 kkonfermaw illi l-karozza marka Alfa AAV 205 kienet ta’ Jesmond Tabone fid-data tal-incident.

PS1400 Anthony Farrugia xhed illi fit-2 ta’ Ottubru 1999 kienu dahlu l-imputati jaghmlu rapport illi kienu gew mhedda u insulentati mill-ahwa Tabone f’Camenzuli Street, Sliema.

Illi ghalhekk PS1400 kien baghat ghal ahwa Tabone li gew immedjatament u infurmawh illi kienu l-imputati illi kienu marru d-dar tal-familja Tabone li bdew l-argument, bdew joffenduhom u li Josephine Vassallo kienet qabdet katina mill-but u bdiet taghti biha fuq il-karozza ta' Jesmond Tabone.

Jesmond Tabone sahansitra kien nizzel il-karozza l-ghassa sabiex juri l-hsarat li garrbet il-karozza lis-Surgent.

PS1400 xehed illi huwa kien wettaq tfittxija fil-basktijiet tal-imputati u ma kien sab xejn izda li din it-tfittxija saret wara li l-ahwa Vassallo gew l-ghassa. L-okkorrenza giet esebita bhala dok CF a fol 53).

Brian Tabone kkorrobora dak li xehed huh Jesmond, li hu kien qed jahsel il-karozza tieghu quddiem id-dar tieghu meta gew l-ahwa Vassallo u bdew joffenduh u jipprovokawh ghal glied tant illi missieru hareg mid-dar u sakkruh fil-garage sabiex jevita xi glieda.

Brian Tabone xehed illi mill-garage huwa ma setghax jghid kif twetqet il-hsara fuq il-karozza izda li ra il-katina f'idejn wahda mill-imputati.

Xehed illi n-nies migbura kollha qalulu illi kienet Josephine illi wettqet il-hsara fuq il-karozza permezz tal-katina.

Alfred Tabone, missier l-ahwa, xehed a fol 68 et seq illi meta ra lil ahwa Vassallo joffendu lit-tfal tieghu, haseb illi ibnu Brian kien ser jhebb ghalihom, u ghalhekk dahhal lil Brian fil-garage u ghalaq il-bieb.

Alfred Tabone xehed illi hemm hekk hu ra lil Josephine bil-katina f'idejha taghti fuq il-karozza b'rizultat illi tkissret il-windscreen. Alfred Tabone zied jghid illi Diane fil-fatt bdiet tipprova twaqqaf lil ohtha Josephine u tghidilha kliem bhal:
"bizzejjed ghaliex qed taghti lill-karozza."

In fatti Tabone jghid li Diane la kellha ktajjen u l-anqas ma wettqet b'xi mod iehor xi hsara fuq il-karozza indikata fic-citazzjoni.

Alfred Tabone innega li xi hadd mill-familja tieghu kellu xi ghodda f'idejh u stqarr illi kien hu biss illi kellu hadida f'idejh, u cioe il-hadida biex jnizzel ix-shutter tal-garage. Stqarr illi f'ebda hin ma ghamel uzu minn din il-hadida.

Doris Tabone kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha Alfred (ara fol 75-80) meta tirriafferma illi Diane Lia "ma rajtha taghmel xejn le. Lil Josephine biss. Mistoqsija jekk Diane Lia kellmitiex hazin, Doris Tabone tirrispondi:
"Le l-anqas. Josephine biss…." (ara pg 77).

Giet ppresentata il-kwerela (Dok MBZ a fol 97)

Mix-xhieda ta' James Armeni fol 101 et seq jirrizulta illi huwa kien biegh windscreen lil Jesmond Tabone bi prezz ta' Lm65,  u indicator til-prezz ta' Lm6.

Michael Sciberras a fol 106 ikkonferma illi stima tax-xoghol ta' jdejh rikjest b'konsegwenza tal-hsarat fuq l-Alfa kienet ta' Lm80.

Mix-xhieda ta' Josephine Vassallo fol 111, xhedet illi waqt illi hija u Diane kienu sejrin jixtru xi "take aways" min quddiem l-ahwa Tabone u semghet l-kliem "ara ghaddejja il-qahba."

Xehdet ili hija gja kellha xi tghid ma Brian Tabone il-gurnata ta' qabel ghaliex  kien hebb ghal missierha.

Josephine Vassallo xhedet illi wara li Brian Tabone insulentaha u ghajjarha b'hafna affarijiet, hareg b'hadida kbira u beda jigri wara ohtha. Xehdet illi l-kanna kien harigha mil-garage.

Xehdet illi dak il-hin hija kellha tifel zghir u Diane kellha iehor f'idejha. Josephine Vassallo xhedet illi Brian Tabone kien ser jaghti lil ohtha Diane u hija marret tferraq u Brian

hareg kanna u ghalhekk Diane bdiet ddur mal-karozza biex tevitah.

Josephine Vassallo innegat illi kellha xi katina f'idejha.

Josephine Vassallo xhedet  a fol 171 illi hija ma ghamlet ebda hsara fuq il-karozza u "lili sabitni persuna u qaltli li l-karozza ilha miksura u riedu japprofittaw bikom"

Mistoqsija ghaliex ma resqitx lil din il-persuna bhala xhud tirrispondi:
"Din ilha li qaltli voldieri"

Mistoqsija ghaliex ma gharfitx lill-pulizija b'dan tirrispondi:
"ghax ricenti din qaltli" u l-anqas ma setghet tghid fejn toqghod din il-persuna.

Diane Lia, min-naha taghha xhedet illi hija u ohtha Josephine Vassallo kienu nezlin jixtru "take away" meta persuna bdiet tghajjar lil ohtha Josephine.

Dan il-persuna kien jismu Brian.

Diane xehdet illi dan Brian dahal fil-garage "biex jgib sikkina u misieru sakkru gewwa pero xorta harab lil missieru, qabad kanna u t daqqa biha u laqatha f'sieqha"

Mistoqsija ghaliex qatt ma semmiet din l-affari tal-kanna lill-pulizija a tempo vergine, Diane Lia sostniet li qalet dan kollu lill-pulizija.

Diane Lia xehedet (fol 126) illi fil-kawza kontra Brian Tabone hija ma kenitx xehdet. A fol 130 Diane Lia esebit certifikat datat 1 t'Ottubru 1999, illi jidher illi n-number li jirrappresenta x-xahar gie korrett. Dan ic-certifikat mediku ma giex awtentikat. L-incident odjern sehh fit-2 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat:-

Illi ai termini ta’ Art 637 tal-kap 9 din il-Qorti kellha l-opportunita tezamina bir-reqqa il-maniera li biha ix-xhieda li taw t-testimonjanza taghhom.

Din il-Qorti minghajr l-icken esitazzjoni tiddikjara illi ma ssib ebda xrara ta’ kredibilita fil-versjoni li tat Josephine Vassallo. Dan qieghed jinghad il-ghaliex ix-xhieda tal-prosekuzzjoni b’mod specjali l-familja Tabone xehdu b’mod dettaljat u akkurat minghajr ma esageraw. Din il-Qorti apprezzat il-maniera li biha il-genituri tal-guvintur Tabone ppreferew li ggarrab hsarat karozza ta’ binhom milli jkun hemm ritaljazzjoni fizika fuq in-nisa – l-imputati.

Illi hsarat fuq il-karozza jitkellmu wahedhom u jidhru illi huma kompatibbli ma daqqiet permess ta’ katina u l-hsara tammonta ghal Lm151. Illi ghaldaqstant huwa evidentissimu illi Josephine Vassallo ppjanat dak li kellha f’mohha ferm qabel u giet ppreparata ghal dak li riedet taghmel b’katina fil-but.

Illi ghar-rigward ta’ Diane Lia pero ma jirrizultax li din b’xi mod, kienet taf b’dak li kellha f’rasha Josephine u l-familja Tabone kkonfermaw illi Diane pprovat sahansitra twaqqaf lil ohtha Josephine. Il-membri tal-familja Tabone kollha kkonfermaw illi Diane Lia ma ghamlet xejn f’dan l-incident.

Illi din il-Qorti l-anqas sejra tidhol fil-profond dwar il-cosi dett “certifikat”  li sar gurnata qabel l-incident ghaliex l-intensjoni dwar il-korrezjoni tad-data ta’ certifikat huwa ovvju u jidher li hu tentattiv pwerili da parti ta’ Lia biex tipprova tiskansa lil ohtha mill-konsegwenzi ta’ ghemilha.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lil Diane Lia mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha, waqt illi ssib lill-imputata Josephine Vassallo hatja skond l-akkuza u wara li Rat Art 325, 338dd, 339(d) u (e), 338bb, u 342 u 28A tal-kap 9 u Art 2 u 3 tal-kap 66 tikkundannaha ghal seba xhur prigunerija sospizi ghal sentejn..

MAGISTRAT
MARICA CARUANA

DEP.REG.

---------------------------------TMIEM---------------------------------